MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 420/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Lincoln Said**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Gunju, 2009 ghall-habta ta' 01.30 hrs, fi Triq il-Balliju Guttenburg, is-Swatar :

1. saq vettura numru LOV 398 b'manjiera perikoluza;
2. waqt li kien qed isuq l-istess vettura numru LOV 398 qasam il-linji bojod kontinwi;
3. ghamel uzu mill-imsemmija vettura numru LOV 398 ghal finijiet ohra barra minn dawk li ghalihom hija licenzjata.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Novembru, 2009, li biha wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u r-Regolament

24 tal-A.L. 198/2009, ma sabitx lill-appellant hati in kwantu ghas-sewqan tal-vettura numru LOV 398 b'manjiera perikoluza w minnha illiberatu pero' sabitu hati ta' reat minuri u li hu kompriz f'din l-akkuza w cioe' ta' sewqan tal-imsemmija vettura b'manjiera traskurata w ikkundannatu ghall-piena ta' €116 multa, lliberatu mit-tieni alluza ghax mhux sufficjentement ippruvata kif dedotta w sabitu hati tat-tielet akkuza w ikkundannatu ghall-piena ta' €116 multa.
Finalment il-qorti a tenur tal-artikolu 15(3) tal-Kap. 65, skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tmient (8) ijiem.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tikkonfermaha fejn ma sabitux hati tat-tieni akkuza, thassarha, tirrevokaha w tikkancellaha fejn sabitu hati ta' l-ewwel u t-tielet akkuzi u konsegwentement tilliberah mill-istess zewg akkuzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi mix-xhieda rrizulta biss illi kien hemm okkazzjoni fejn l-appellant gie kostretta, minhabba vettura ohra li kwazi waqfet quddiemu, illi jaqsam il-linji kontinwi pero' dan mhux fis-Swatar kif akkuzat u ghamel din il-manuvra bi prudenza kollha b'tali mod li accerta ruhu li ma setax jikkawza periklu ghal utenti ohra tat-triq. Dan kull ma rrizulta. Zgur li ma rrizultax sewqan perikoluz kif akkuzat. Lanqas ma setghat l-Ewwel Qorti ssib lill-appellant hati ta' sewqan traskurat minhabba li, kif tenniet l-istess Qorti fis-sentenza taghha, din l-akkuza hija kompriza fl-akkuza ta' sewqan perikoluz.
Illi apparti minn hekk kellu jirrizulta wkoll illi l-vettura in kwistjoni ma ntuzatx ghal xi skop differenti minn dik li kienet licenzjata ghaliha ghaliex l-unika haga li ghamel l-

appellant kien illi wassal xi nies bi pjacir ghall-"employer" tieghu u mhux wassalhom bi hlas.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi fit-28 ta' Gunju, 2009 ghall-habta tas-1.00 p.m. l-appellant kien qed isuq il-van LOV 398 fl-Ghadira w minn hemmhekk ghabba erba' passiggieri minn fuq "bus stop". Dana gie segwit mill-"Enforcement Officer" sa Kennedy Grove, fejn innotaw illi l-appellant kien qed isuq bi speed eccessiv u waqt is-sorpass kien qed jaqsam il-linja bajda kontinwa. L-appellant nizzel l-ewwel passiggier is-Swatar, fejn EO 13 Albert Sammut u EO 8 Antoine Grech avvicinaw dan il-passiggier fejn, dan ta' l-ahhar ammetta li kien hallas seba' Euros lill-appellant ghal dak it-tragit. Fuq dan l-"Enforcement Officers" waqfu lill-appellant u dana spjega li kellu l-karozza tieghu wieqfa w il-proprjetarju tal-Gejxa Garage, illi jahdem mieghu, qallu biex jaghmillu pjacir u selliflu van biex juzah. Dak il-hin ma kienx fuq xoghol, izda l-imghallem tieghu kien qallu biex jghabbi xi nies mill-Ghadira w hekk ghamel. Innega illi saq b'manjiera traskurata w eccessiva. Innega wkoll illi gabar xi flus izda ammetta li jahdem bhala xufier mall-Gejxa Garage.

Xehed ukoll f'din il-kawza Brian Farrugia in rapprezentanza tal-Awtorita' tat-Trasport fejn spjega illi l-van numru LOV 398 huwa van tal-hgieg Nissan registrat fuq Gejxa Garage Company Limited, proprjeta' ta' Joseph Gerada. Il-van huwa "eight seater" inkluz ix-xufier huwa registrat bhala vettura privata w ghalhekk ma jistax jintuza ghat-trasport bi hlas.

"Enforcement Officers" gharrfu lill-imputat bhala x-xufier tal-van dak inhar u kkonfermaw illi l-appellant gabar hlas minn ghand il-passiggieri illi ghabba.

Ikkunsidrat :

Minkejja c-cahda tal-appellant il-Qorti jidhrilha illi ghandha toqghod fuq il-verzjoni moghtija minn EO 13 Albert Sammut u EO 8 Antoine Grech.

L-osservazzjoni taghhom ma kienitx momentarja izda qaghdu jsegwu lill-appellant id-distanza kollha mill-Ghadira sal-Kennedy Grove w imbaghad is-Swatar.  F'din id-distanza l-"enforcement officers" kellhom il-hin kollu biex josservaw is-sewqan tal-appellant u l-komportament tieghu w ghalhekk kellhom il-hin kollu wara illi nizzel l-ewwel passiggier illi jintervistaw lil dan il-passiggier sabiex jiehdu l-informazzjoni kollha mehtiega.

L-Ewwel Qorti kellha dawn il-provi quddiemha w ghamlet l-apprezzament taghha w waslet ghall-konkluzjoni ta' htija.

Din il-Qorti ma jidhirlix li ghandha tiddisturba dan l-apprezzament.

Kif ghallmet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "Il-Pulizija vs Carmelo Schembri" tat-28 t'April, 1995 ***"Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenza tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha."***

Din il-Qorti ghamlet dak l-apprezzament u waslet ghall-konkluzjoni li fuq il-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.  Ghalhekk mhux il-kaz illi s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------